MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 130/2003

**Avviz numru 130/2003DM**

**Emanuel u Anna Maria konjugi Cassar**

**Vs**

**Joseph u Maria konjugi Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema il-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ (Lm2500.) elfejn u hames mitt lira Maltija liema somma tirrapprezenta ammont dovut minnhom lill-atturi ghar- rifuzjoni ta’ depozitu lilhom mhallas u debitament ikkonsenjat bhala akkont ta’ prezz fuq konvenju ghall-bejgh tal-fond, ossija store, bin-numru 91, Triq Santa Marija, Tarxien, liema konvenju skada.

Bl-ispejjez u interess legali sad-data tal-pagament effettiv, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2002 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) bl-imghaxijiet legali b'effett mis-27 ta' Frar 2003;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------